**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Sebghin (79)**

**26 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius – Sindku

Stefan Bajada- Viċi-Sindku

Anthony Attard – Kunsillier

Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Victor John Curmi- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

79.1.1 Is-Sindku rreferra għall-ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Victor Curmi li kien jinsab imsiefer fuq xogħol.

Din l-apoloġija ġew aċċettata.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 78**

79.2.1 Il-minuti ttieħdu bħala moqrija hekk kif dawn kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw dawn il-minuti.

**79.3 Kunsill Ċiviku**

79.3.1 Is-Sindku rrefera għall-għajdut u xniegħat li kien intradam għar waqt it-tħaffir taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku spjega li dan ma kienx minnu hekk kif ma kien instab l-ebda għar. Is-Sindku elenka li għar irid ikollu bokka (entratura) u jkun mnaddaf u dan ma kienx il-każ. Is-Sindku kompla jispjega li wara li l-Perit u l-kuntrattur kienu raw ix-xquq fil-blat raw il-periklu eżistenti li seta' jwassal biex jisfronda l-isqaq u ttieħdet id-deċiżjoni li jingħata s-siment. Is-Sindku rrefera ukoll fuq id-deċiżjoni għaqlija li kienet ittieħdet biex it-tħaffir sar fuq l-erba' naħat biex b'hekk il-ħsara tkun ferm iżgħar.

79.3.2 B'referenza għar-rapport mitlub mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali fit-8 ta' Marzu 2024 li kienet ukoll ssospendiet ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett, is-Sindku poġġa ir-rapport mħejji mill-Perit Spiteri fuq il-mejda tal-Kunsill. Dan ir-rapport inqara mis-Segretarju waqt li ħadet nota biex tiċċekkja mal-Perit stess jekk dan ir-rapport kienx intbagħat jew le.

79.3.3 Is-Sindku rreferra għall-varjazzjoni li l-Perit Spiteri kien ġibed l-attenzjoni fuqhom wara li l-kuntratt tal-immaniġjar tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku ma kienx jinkludi fil-BOQ referenza għall-preparazzjoni u anke emendi fl-*istructural drawings* riżultat ta' fatturi ġeoloġiċi li instabu hekk kif sar it-tħaffir. Is-Sindku spjega li *change of architect* kienet ġiet sottomessa s-sena li għaddiet u

għaldaqstant dawn l-*istructural drawings* riedu jiġu ppreparati mill-perit responsabbli. Is-Segretarju ġiet mitluba taqra l-ittra li bagħat il-Perit Spiteri fejn spjega l-varjazzjoni involuta f'aktar dettal. Is-Segretarju għamlet osservazzjoni li huwa neċessarju li din il-varjazzjoni tintbagħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif mitlub mil-liġi. Il-Kunsill qabel li kellha tintbagħat talba għall-approvazzjoni ta' din id-*Direct Order* li kienet stmat li tammonta għal €11,898.17 lid-Direttur Ġenerali.

*17.17 Il-laqgħa ġiet sospiża hekk kif il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra tal-Kunsill.*

*17.20 Il-laqgħa tkompliet hekk kif il-Viċi Sindku daħlu lura fil-kamra tal-Kunsill.*

**79.4 Triq Marġa**

79.4.1 B'referenza għal din it-triq, is-Sindku spjega li kien għaddej xogħol ta' bini tal-ħajt wara li dan kien waqa' l-ħajt. Dan ix-xogħol kien qed isir minn naħa tal-ħaddiema tal-Ministeru t'Għawdex.

78.4.2 Is-Sindku rreferra għal Gozo Half Marathon hekk kif ir-rotta tinkludi anke din it-triq. Is-Sindku kkonferma li din it-triq kellha tingħata passata tarmak mill-Ministeru t'Għawdex qabel il-maratona. Is-Segretarju rreferiet għat-talba mis-Segretarju tal-Gozo Half Marathon fejn kienet qed titlob li ssir laqgħa mal-Kunsill minħabba l-istat ħażin tat-triq hekk kif il-maratona kienet qed toqrob. Is-Sindku spjega li din il-laqgħa kellha ssir wara l-Għid.

**79.5 Triq Marsalforn**

79.5.1 Is-Sindku spjega li kien ġie nfurmat li kellha tinqala' mill-ġdid parti minn naħa t'isfel ta Triq Marsaforn li tgħaqqad ma' Triq Masri biex isir *high tension* ġdid. Hekk kif jitlesta dan ix-xogħol imbagħad tkun tista' tingħata l-asfalt mill-ġdid Is-Sindku elenka li kien għaddej b'kuntatti biex jinġabu fondi biex tkun tista' tingħata t-tieni passata tat-triq hekk kif it-triq għadha b'passata waħda.

**79.6 Triq Ta' Stellini u Triq Ta' Karkar**

79.6.1 Is-Sindku rreferra għax-xogħlijiet fuq servizzi li kienu bdew fi Triq Ta' Stellini. Is-Sindku spjega li għalkemm dan ix-xogħlijiet kienu bdew dawn kienu waqgħu lura minħabba li kienu qed jistenna risposta fuq il-linji u anke connections tad-drenaġġ. Għaldaqstant is-Sindku talab li tintbagħat imejl lill-Ministeru t'Għawdex b'ringrazzjament li dawn ix-xogħlijiet fl-aħħar kienu bdew imma anke ssir pressjoni biex dawn ix-xogħlijiet ma jaqgħux lura hekk kif dawn kienu qed jaffetwaw il-ħajja ta' kuljum ta' ħafna residenti.

79.6.2 B'referenza għal Triq Ta' Karkar, is-Sindku spjega li ma kien hemm l-ebda żvilupp fuq meta ser isir din it-triq waqt li spega li wieħed irid jikkonsidra l-fatt li għad hemm numru ta' żvilupp ta' bini f'din it-triq għaddej u jagħmel sens li dan l-iżvilupp jitlesta qabel ma ssir it-triq.

**79.7 Ċelebrazzjoni marbuta mat-30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli**

79.7.1 Is-Sindku spjega li l-kienu ntbagħtu l-inviti għaċ-ċelebrazzjoni ppjanata għall-Ġimgħa 5 ta' April fs-7.00pm fit-tempji tal-Ġgantija fejn fiha kellu jiġi rrikonoxxut kull min serva fil-Kunsill f'dawn l-aħħar tletin sena 'l hawn bħala Sindku, Kunsillier jew staff klerikali .

**79.8 Ġieh Ix-Xagħra**

*Il-laqgħa ġiet sospiża biex jiġu diskussi n-nominazzjonijiet li l-Kunsill kien rċieva.*

79.8.2 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill wara li kien evalwa ż-żewġ nominazzjonijiet li daħlu l-Kunsill kien unanimament qabel li kien xieraq li din is-sena l-premju ta' Ġieh Ix-Xagħra jingħata lil Eks Arċipriet Carmelo Refalo wara li serva bħala Arċipriet tax-Xagħra għal tmintax-il sena sħaħ, minn Mejju tal-2005 sa Settembru tal-2023.

*17.42 Il-Kunsillier Anthony Attard daħal fil-kamra tal-Kunsill.*

79.8.2 B'referenza għar-rikonoxximent ta' Ħidmet Iż-Żgħazagħ li kien deċiż fil-laqgħa preċedenti li kellu jingħata lil Gauteyouths, is-Sindku ppropona li l-Kunsill kellu jkun ta' għajnuna għal din l-għaqda volontarja billi jikkontribwixxi biex jitħallas it-trasport lejn l-ajruport ta' Malta meta dawn iż-żgħażagħ ikunu sejrin il-missjoni. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu ma' dan.

79.8.3 Is-Sindku spjega li l-quddies ta' radd il-ħajr marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ix-Xagħra kellha ssir is-Sibt 27 ta' April hekk kif il-Ħadd kien se jkun hemm il-Gozo Half Marathon.

79.8.4 B'referenza għat-tifkira li kellha tingħata lil Giuseppina Galea, li rebħet fl-iSpecial Olympics, is-Sindku spjega li kellu jitkellem mal-organizzaturi tal-Gozo Half Marathon biex din it-tifkira tingħata waqt il-maratona minħabba li l-familja ma setgħetx tattendi waqt is-serata ta' Jum Ix-Xagħra minħabba impenji oħra.

**79.9 Friday Night Fever**

79.9.1 Is-Sindku spjega li "Friday Night Fever" kien l-isem il-ġdid għall-avveniment li fil-passat kien jismu Xagħra Hill Top Rock. Dan l-avveniment b'kollaborazzjoni mal-Ministeru t'Għawdex kien ġa deher ir-reklamat fuq il-ktieb t'attivitajiet tul ir-rebbiegħa maħruġ mill-Ministeru t'Għawdex. Il-preparamenti kienu għaddejjin ġmielhom mill-istess Ministeru.

**79.10 Festival tat-Tin**

79.10.1 Is-Sindku spjega li aktar kmieni dakinhar stess kienet saret laqgħa virtwali mas-Sur Quinton Scerri fuq il-Festival tat-Tin maħsub li jittella' fit-22 ta' Ġunju 2024. Dan wara li l-Kunsill kien ser jissottometti applikazzjoni għall-fondi kulturali maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fost l-affarijiet diskussi ġie diskuss li l-attività' kellu tkun simili għal dik tas-sena li għaddiet b'introduzzjoni tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann mar-reenectment. Is-Sindku għamilha ċara li t-Tmien Kunsill kien se jibqa' jservi sal-aħħar ta' Ġunju u hu ma kienxx qed jikkometti ruħu għal affarijiet u attivitajiet ġodda wara din id-data.

79.10.2 Il-Kunsill iddiskuta li kif sar fis-snin preċedenti kellhom jiġu mistiedna rappreżentanti mill-muniċipji li magħhom il-Kunsill kien ġemellat fosthom Atessa u San Michele Salentino. Is-Sindku talab ukoll lis-Segretarju biex tieħu nota biex jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni tal-istess rappreżentati.

**79.11 Skemi: Community Inclusive Employment CIES Scheme & Restoration Scheme (MGOZO)**

79.11.1 B'referenza għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/6/2024 Tnedija mill-ġdid tal-***Community Inclusive Employment Scheme*** (CIES) is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill għandu japplika taħt din l-iskema. Apparti li dejjem jekk tgħaddi din l-applikazzjoni nkunu qed inaqqsu mill-problema ta' nuqqas ta' staff fl-uffiċju li preżentement tinħass, permezz ta' din l-iskema l-Kunsill ikun qed jagħmel il-parti tiegħu biex persuni b'diżabilità jintegraw fid-dinja tax-xogħol. Il-membri preżenti unanimament qablu li għandna napplikaw għal persuna bħala *General Office Hand* fuq bażi *full-time.* Il-Kunsill qabel li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali li hu obbligat li jħallas bħala employer u anke sigħat oltre minn dawk stabbiliti fil-kuntratt.

79.11.2 B'referenza għall-iskema tar-restawr maħruġa mill-Ministeru t'Għawdex is-Sinkdu stieden lis-Segretarju biex tgħarraf lill-membri tal-Kunsill fuq din l-iskema. Is-segretarju spjegat li din kienet tagħlaq fil-bidu ta' Mejju u l-Kunsill seta' japplika għar-restawr fuq sqaq u anke niċċa. Is-Segretarju għamlet referenza għall-imejls li rċieva l-Kunsill b'talba biex jiġu kkunsidrati dawn l-sqaqin partikulari. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika fuq l-isqaq ta' wara ċ-Ċentru Ċiviku bl-isem ta' Trejqet Ġorġ Cini hekk kif dan hu sqaq pubbliku fiċ-ċentru tar-raħal. Il-Kunsill Anthony Attard talab li qabel ma napplikaw fuq dan l-isqaq, il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk hux possibli li napplikaw fuq dan l-isqaq. Il-Kunsill unanimament qabel li wara li jiġi vverifikat dan, jekk fl-affermattiv il-Kunsill japplika fuq dan l-isqaq bil-preparazzjoni tal-istima u l-applikazzjoni mill-Perit Johann Camilleri.

**79.12 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements**

79.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ippreżentanti l-Unaudited Financial Statements ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li dawn ġew spjegati mis-Segretarju

Eżekuttiv, il-Kunsill unanimament approvaw dawn ir-rapporti li kellhom jgħaddu b'mod immedjatament lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-Uffiċju Nazzjonali tal-Verifikazzjoni u lill-awdituri.

**79.13 Nominazzjoni u ħatra Deputat Segretarju**

79.13.1 Is-Sindku ppropona li tiġi nnominata s-Sa Josephine Sultana bħala Deputat Segretarju. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan. Is-Sa Sultana kellha taqdi bħala Deputat Segretarju għal numru ta' ġimgħat mill-4 ta' April 2024 wara li s-Segretarju Eżekuttiv kienet se tkun indisposta minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**79.14 Approvazzjoni tal-Ingaġġ tal-Uffiċjal Eżekuttiv**

79.14.1 Is-Sindku rreferra ghas-sejħa ta' post ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Għal din is-sejħa kienet applikat is-Sa Cheryl Bajada, skrivana mal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw il-ħatra tas-Sa Bajada għall-Uffiċjal Eżekuttiv waqt li awgurawlha fil-kariga ġdida tagħha.

**79.15 Tender tas-Servizz tal-Perit**

79.15.1 Is-Sindku spjega li l-kuntratt tas-servizz tal-Perit kien magħluq u għaldaqstant kien xieraq li toħroġ sejħa għas-servizz tal-Perit ġdida. Il-Kunsill unanimament qabel li kellu jmexxi bil-preparazzjoni tat-tender biex tkun tista' toħroġ is-sejħa immedjatament.

**79.16 Komunikazzjoni mis-Sindku**

79.16.1 Is-Sindku rreferra għal numru ta' ilmenti minħabba li ma kienx hemm latrina fil-playingfield fi Vjal It-8 ta' Settembru. Is-Sindku spjega li kien hemm ftehim biex isiru toilets fil-binja li saret minn tal-futbol. Il-Kunsill qabel li kellu jqabbad lil Perit Johann Camilleri biex imexxu fuq applikazzjoni mal-Planning Authority biex isiru dawn it-toilets.

79.16.2 Is-Sindku spjega li kienu tkellmu miegħu rappreżentanti mill-kumitat tax-Xagħra United rigward il-kont tal-ilma. Is-Sindku elenka li l-Kunsill kien qed juża *submeter* biex isir it-tisqija tas-siġar u pjanti fil-playingfield. Il-Kunsill iddiskuta li kellhom jinġabu r-readings u jħallas parti minn dan il-kont skont ir-reading tal-istess *submeter*.

79.16.3 B'referenza għall-BCRS bins, is-Sindku spjega li wara ħafna pressjoni kontinwa min-naħa tiegħu dawn kienu waslu biex jiġu nstallati fejn il-Qortin fil-jiem li ġejjin.

79.16.4 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ippreżentanti t-tlett kwotazzjonijiet miġbura għas-servizz tal-accountant. Il-Kunsill unanimament approva l-inqas stima li rċieva biex b'hekk is-servizz tal-accountant għal perjodu ta' sena kellu jkun provdut mingħand Apex Business Services Ltd.

*18.35 Il-laqgħa ġiet sospiża.*

*18.39 Il-laqgħa tkompliet.*

79.16.5 Il-Kunsill iddiskuta numru ta' nuqqasijiet ta' ħaddiem partikolari li hu ħaddiem mal-gvern allokat mal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn in-nuqqasijiet għandhom jinġabu għall-attenzjoni tal-Direttur Ġenerali b'mod immedjat.

**79.17 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

79.17.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**79.18 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti**

79.18.1 29.02.2023 Imejl minn Donje Zammit b'ilment rigward l-istat ħażin tal-isqaq fi Triq Gajdoru faċċata tas-Segond fejn apparti li dan jitnaddaf talbet li l-Kunsill jikkunsidra li dan l-isqaq jittranġa. Dan l-ilment ġie diskuss waqt li ġie diskuss punt 79.11.2 aktar qabel fil-laqgħa.

79.18.2 01.03.2024 Imejl mis-Sur Josmar Azzopardi b'tfakkira fuq ir-rakkomandazzjoni sabiex Triq Gorf issir one-way. Il-Kunsill iddiskuta li din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ddiskussa aktar 'il quddiem.

79.18.3 05.03.2024 Ittra minn Dr Aaron Attard Hili b'talba biex il-Kunsill jikkunsidra r-riġinerazzjoni tal-isqaq fi Triq Bullara magħruf bħala l-Isqaq Ta' Mira li jinsab fi stat ħażin. Din il-komunikazzjoni ġiet diskussa f'punt 79.11.2.

79.18.4 05.03.2024 Imejl mis-Sur Chris Cini b'suġġeriment biex jiġi rriġenerat l-isqaq fi Triq Gajdoru faċċata tas-Segond. Il-Kunsill iddiskutta din it-talba f'punt 79.11.2 aktar qabel fil-laqgħa.

79.18.5 06.03.2024 Talba mix-Xagħra United b'talba għall-kollaborazzjoni fit-tiswija tal-*fence* liema spiża tilħaq id- €900 wara ħsarat mill-maltemp. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li l-Kunsill kellu jikkollabora.

79.18.6 06.03.2024 Cir AKL 2024/020_Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2024'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

79.18.7 07.03.2024 Talba minn Island Climb Malta għan-*No Objection biex* tittella' l-Hill Climb fix-Xagħra fid- 19 ta' Mejju 2024. Il-membri tal-Kunsill preżenti ma sabu l-ebda oġezzjoni imma talbu li għandhom jinġabu l-permessi neċessarji mill-pulizija u Transport Malta.

79.18.8 08.03.2024 Suġġeriment biex tal-linja tibda tinżel fejn il-Cornucopia Hotel hekk kif dan is-servizz hu mfittex kemm minn residenti u anke turisti. Il-Kunsill iddiskuta li din it-talba kemm-il darba saret lil kumpanija tal-Arriva.

79.18.9 11.03.2024 Talba mis-Sur Victor Theuma biex terġa' ssir l-isleeping police fi Triq Mannar qabel ma wieħed jilħaq l-isqaq. Is-Sur Theuma talab li ssir ukoll mera faċċata tal-isqaq kif ukoll *double yellow line* faċċata tal-isqaq hekk kif għandu diġa' *no objection* minn naħa tas-sidien. Il-Kunsill qabel li dawn it-talbiet għanhom jgħaddu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

79.18.10 11.03.2024 Ċirkulari numru 1/2024 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar proċeduri ta' kontabilita' tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

79.18.11 11.03.2024 PQ 17267 mill-Onor Chris Said fejn kien qed jistaqsi lill-Ministru lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali meta kien se jitlesta l-proġett tal-bini mill-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku.

79.18.12 11.03.2024 PQ 17270 mill-Onor Chris Said lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn kien qed jitlob informazzjoni rigward is-sejħa li ħarġet bit-tender TXLC/04/2023 Works – Resurfacing of Triq Mannar/Għejjun Junction with Hot rolled Asphalt and resurfacing of small stretch of Triq Karkar, Xagħra (up to base course only) in a resource efficient manner.' Il-Kunsill iddiskutta din it-triq f'punt 79.6.2.

79.18.13 15.03.2024 Rapport mill-Perit Busuttil minn TM fejn qed titlob jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni għal-parkeġġ riservat għal persuna b'diżabilità' fi Triq Ġużepp Bajada. Il-Kunsill iddiskuta li wieħed għandu jara jekk dan il-parkeġġ

hux qed jintalab minn persuna li tiġi Għawdex fi tmiem il-ġimgħa biss. Ittieħdet nota mis-Segretarju biex tiċċekkja dan.

79.18.14 20.03.2024 Talba mis-Sa Francienne Muscat, Segretarju fi ħdan il-Gozo Half Marathon b'talba għal-laqgħa mal-Kunsill biex wieħed jiddiskuti l-marathon b'mod partikulari l-istat ta' Triq Marġa. Din it-talba ġiet diskussa f'punt 79.4.2.

79.18.15 20.03.2024 Talba talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex tittella' attivita' b'ikel tradizzjonali Malti s-Sibt l-1 ta' Ġunju fejn il-mużew mill-Public Abbatoir fi ħdan il-Ministeru tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Il-Kunsill iddiskuta li attivitajiet ta' din ix-xorta huma importanti għax waqt li jippromwovu l-prodott lokali jgħollu l-isem tax-Xagħra waqt li ta in-*no objection.*

79.18.16 20.03.2024 Korrispondenza b'opportunita ta' ġemellaġġ taħt il-proġett "RoutUE - Routes that Unite" Project for Network of Towns (CERV).

79.18.17 21.03.2024 Invit għall-konferenza nhar il-Ħamis 25 t'April fuq ""Small Grant Scheme for Urban Localities – Improved Quality of Life for Deprived Communities." Il-Kunsill innota l-kontenut.

79.18.18 22.03.2024 Ċir AKL 2024/024 bil-possibbiltà' li jiġu organizzati taħditiet dwar it-tisjir bil-Malti minn Anton B. Dougall.

79.18.19 Is-Segretarju rrefferriet għad-diversi talbiet mir-residenti għall-boroż tar-recycling. Il-Kunsill iddiskuta li kellha tinġabar kwotazzjoni biex wieħed ikun jista' jara l-ispiża nvoluta biex dawn jitqassmu f'kull residenza.

**79.19 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

79.19.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill u moqrija.

79.19.2 Il-Kunsillier Anthony Attard oġġezzjona fuq il-pagament tal-ġbir tal-iskart lir-Reġjun t'Għawdex. Il-kumplament tal-pagamenti l-oħra kollha kienu approvati unanimament.

**79.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

79.20.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.12 pm. Is-segretarju ġabet għall-attenzjoni l-imejl mill-Kunsillier Victor Curmi bid-dati meta hu kien se jkun

indispost għal-laqgħa minħabba safar fuq xogħol.  Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

Konfermati illum ___________**29 ta' April 2024**_______________

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Aaron Agius**<br>**Sindku** | **Marion Attard**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |